# JIEN U NAQRA L-POEŻIJA TA' DUN KARM



(Misluf mill-"Berqa")

Meta fuq ħsiebi jaqa' d-dlam u nħossni
Mifni bil-għeja fid-dagħbien tal-ħajja,
Meta, qalil, il-Hemm bla ħniena jrossni,
U nara, mnikket, għaks u ġuħ bil-qtajja',
Nintilef dak il-ħin u ninsa d-dwejjaq
Fil-Wisa' kollu dwal ta' poeżija:
Il-poeżija l'int għannejt lill-ħlejjaq,
U biha rfajt fil-ġieħ Malta Maltija.

Dun Karm, poeta, qatt ma tintemm miegħek
L-Għanja li taf, tgħidx kemm! xi jsarraf dmugħek.
Le, l-Għanja tibqa' tgħix: fil-qabar tiegħek
Ma tindifinx—għax dik xrara minn ruħek.
Hi tibqa' tixgħel ma' kull ġidd l-imħabba
Lejn dan l-Ilsien li f'ħoġrok rajt jitrabba.

Ġużè Chetcuti

16 ta' Jannar, 1942.